MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI)
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 180/2002

Il-Pulizija
(Spettur S. Galea)

Vs

Casey Joe Muscat

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta’ Mejju, 2002 ghall-habta ta’ 17:00 hrs gewwa Triq Birguma, Naxxar:
1) volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;
2) aktar talli hebb ghal Kenneth Spiteri sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna;

3) aktar talli dahal fil-fond nru. 40, Triq Birguma, Naxxar minghajr permess tas-sid Kenneth Spiteri;
4) u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Kenneth Spiteri skond ma ccertifika Dr. Ramon Scerri tal-Mosta Health Centre.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Lulju, 2002 li biha wara li rat l-Artikoli 338 (dd), 339 (1) (d), 221 (1) u 339 (1) (o), ikkundannatu ghall-multa ta' hamsin lira Maltin (LM50). Rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap 9 u rabtet lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' multa ta' mitt lira Maltin (LM100) ghall-perjodu ta' 12 il-xahar milli b'xi mod jimmolesta aktar lil Kenneth Spiteri.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 t'Awissu, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza w tillibera lill-esponenti minn kull htija w piena skond il-ligi w, alternattivament, f'kaz li l-Qorti jidhrilha li ghandha ssib htija f'xi wahda mill-akkuzi dedotti kontra tieghu, li tirriduci l-piena ghal wahda inqas gravuza ghar-ragunijiet premessi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti u cioe' li ghalkemm hu jammetti li kien f'kuntatt mall-appellant, ma jammettix li hu aggredixxa jew hebb ghal Kenneth Spiteri jew li ghamel xi wahda mill-atti li taghhom gie akkuzat ; li hu kien dahal fix-xena semplicement biex izomm lill Kenneth Spiteri milli jaggredixxi lill-gharusa tieghu ; li kien l-agir aggressiv tal-istess Spiteri li pprovoka l-incident ; li hu jichad bl-aktar mod emfatiku li dahal fil-proprjeta‘ ta‘ Spiteri f‘40, Triq Birguma, Naxxar ; li ma jirrizultax pruvat fil-grad li tirrikjedi l-ligi xi wahda mill-erba akkuzi dedotti kontra tieghu u li , fit-tieni lok u minghajr pregudizzju , w in linea sussidjarja , li l-appellant qatt ma kellu incidenti ohra w li din l-ewwel darba li deher il-Qorti w ghalhekk ihoss li l-piena nflitta kienet ferm esagerata w ghandha tigi ridotta . Hu offra w baqa' joffri apologija ;

Semghet il-provi mill-gdid fil-kors tas-seduta tas-7 ta' Novembru, 2002 ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur ;

Ikkonsidrat ;

Li dan l-appell jirrigwarda kemm id-dikjarazzjoni ta' htija kif ukoll il-piena inflitta mill-ewwel Qorti fuq l-appellant dwar l-involviment tieghu f'incident li gara fit-triq wara tieg f' Villa Arrigo , n-Naxxar , u meta hu l-"girl friend" tal-appellant kien dahal jaghmel l-urina fid-drive ta' Kenneth Spiteri . Meta dan Spiteri , li kien qed iwahhal ventilatur fuq barra tad-dar tieghu nduna b'dak li kien qed jigri , ha lill-hu l-"girl friend" Andrea Garrone bil-herra w wara ntervjeniet l-gharusa tieghu wkoll Enrica Garrone, li hatfet martell li kellu f'idu Spiteri ghax kien qed iwahhal il-ventilatur bih . Spiteri w Enrica Garrone gew fl-idejn u Enrica Garrone f'xi hin waqghet fl-art u hawn dahal l-appellant li gie fl-idejn mal-appellant u t-tnejn waqghu fuq xulxin fl-art , Spiteri fuq u l-appellant taht . Spiteri lmenta minn daqqa fuq l-eyebrow . Gew esebiti ritratti li juru lill-Spiteri bi "Black eye" u certifikati medici li juru li Spiteri kien qed isofri minn "haematoma" fuq l-ghajn tax-xellug u "peri-orbital bruising" , ferita ta' natura hafifa.

Illi mill-ezami tal-provi li rrizultaw quddiem din il-Qorti , jemergi li l-appellant kien zgur involut f' kolluttazzjoni ma Kenneth Spiteri f'nofs it-triq u li f'hin minnhom dawn it-tnejn spiccaw fl-art fuq xulxin u li Spiteri ilmenta minn daqqa' fuq ghajnejh li Spiteri jghid li kienet ir-rizultat ta' daqqa ta' ponn li qala' minnghand l-appellant . Illi skond Patrick Garrone, xhud tad-difiza u missier il-"girl friend" tal-appellant , l-appellant kien l-uniku wiehed mit-tlitt persuni involuti fl-incident li gie f'kuntatt fiziku ma Spiteri . Ghalhekk hija altru milli kredibbli l-versjoni ta' Spiteri li l-ferita li sofra garrabha waqt il-kolluttazzjoni li kellu mal-appellant u ma hadd aktar . Illi hu ovvju ukoll li din il-kolluttazzjoni tikkostitwixxi ksur tal-buon ordni u paci pubblika b'ghajjat u glied taht l-ewwel imputazzoni ghax grat fit-triq pubblika u hu ovvju ukoll li din kienet ir-rizultat

ta’ hebb li ghamel l-appellant fuq Kenneth Spiteri , ghax irrizulta li l-appellant kien mar fuq Spiteri w mhux vice versa w dan ghax , skond l-appellant, Spiteri kien qed jipprova jerga jiehu l-martell tieghu minn idejn il-“girl friend” tieghu .

Ghalhekk , fil-fehma ta’ din il-Qorti , ftit hemm x’wiehed x’jghid fuq l-ewwel , it-tieni w r-raba’ imputazzjoni u dawn jirrizultaw abbondantement .

L-unika imputazzjoni , li fil-fehma ta’ din l-Qorti hemm konflitt tal-provi dwarha li jdahhal certu dubju ragonevoli hija t-tielet wahda li tirrigwarda d-dhul bla permess fil-fond 40 , Triq Birguma, Naxxar ta‘ Kenneth Spiteri . Ghalkemm irrizulta li Andrea Garrone kien dahal fid-“drive in” biex jisserva u li f’xi hin , anki ohtu Enrica Garrone kienet dahlet fl-istess “drive in” tissara ma Spiteri dwar il-martell li kellu f’idejh , mhux daqshekk car li l-appellant ukoll kien dahal fid-“drive in”. Ghalkemm Spiteri jallega li dan kien il-kaz , dan hu michud mill-appellant li jghid li mar fuq Spiteri meta rah ikaxkar lil “girl friend” tieghu f’nofs it-triq u di fatti huma gew fl-idejn u waqghu fit-triq u mhux gewwa d-“drive in“. Hadd mix-xiehda l-ohra ma jghid li l-appellant kien dahal fid-“drive in“. Ghalhekk dwar din l-akkuza hemm dubju ragonevoli li ghandu bla ezitazzjoni jmur favur l-appellant .

Illi l-aggravju li l-incident ipprovokah Kenneth Spiteri fil-fehma ta’ din il-Qorti ma jreggix ghax Kenneth Spiteri kien ghall-affari tieghu go daru , jsewwi jew iwahhal ventilatur u kien ghalhekk li kellu l-martell f’idejh . Waqt li kien jaghmel dan , ra lill-Andrea Garrone diehel xi hames metri gewwa fid-“drive in” tieghu biex jisserrva . Bir-ragun kollu Spiteri rrabja w irrejagixxa bil-qawwa kollha ghal dan l-oltragg u irrimontstra ma ’ Andrea Garrone . Kieku ma ndahlitx oht Andrea, Enrica Garrone li ppruvat tiehu l-martell li kellu f’idejh Spiteri minn idejh, l-incident x’aktarx li kien jispicca hawn , minkejja r-rabja li kien qed juri Spiteri . Umbaghad meta Spiteri pprova ma jhallix lill Enrica tohodlu l-martell minn idu , w beda jigbed u jkaxkar lill-Enrica , deherlu li ghandu jindahal l-appellant u jigi f’kuntatt ma’ Spiteri b’mod li spiccaw fl-art. Ghalhekk , kien l-agir tal-ahwa

Garrone u tal-appellant li kabbar l-incident kagjonat minn Andrea Garrone nizjalment . Inoltre dak li xehdet Mrs Spiteri li anki wara li kien spicca kollox , l-appellant baqa' jisfida lill-Spiteri biex jirraportah u jghidlu "coward" juri li l-appellant dahal fil-glieda b'ruhu w gismu w ma tantx wera ' "restraint" dak il-hin.

Illi dwar il-piena , din il-Qorti thoss li din ghandha tigi modifikata biss , in kwantu trid bil-fors tirrifletti l-fatt li l-appellant qed jigi liberat mit-tielet imputazzjoni kif fuq indikat . Din il-Qorti altrimenti ma tvarjax il-piena inflitta mil-Ewwel Qorti sakemm din ma tkunx tohrog barra mill-parametri tal-ligi jew tkun manifestament esagerata . Illi l-piena li setghet taghti l-Ewwel Qorti ghar-riskontrar tal-htija taht ir-raba imputazzjoni w cioe' dik ta' ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Kenneth Spitetri skond l-artikolu 221 (1) tal-Kap.9 hija wahda ta' pigunerija ta' mhux izjed minn tlitt xhur , jew il-multa . Il-piena ghar-reati kollha l-ohra kienet dik tal-kontravvenzjonijiet . Illi umbaghad skond l-artikolu 11 tal-Kap. 9 "fejn il-ligi ma tghidx espressament xort' ohra, il-maximum tal-multa huwa hames mitt lira u l-minimu ghaxar liri" . Ghalhekk il-piena komplessiva inflitta ghad-delitt ta' ferita ta' natura hafifa u ghat-tlitt kontravvenzjonijiet l-ohra mill-Ewwel Qorti bl-ebda mod ma jista' jintqal li kienet tohrog barra mill-parametri tal-ligi w zgur li ma kienetx "per se" wahda eccessiva fic-cirkostanzi . Pero' stante li din il-Qorti qed issib li ma giex pruvat li l-appellant hu hati tat-tielet imputazzjoni w cioe' tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-art. 339 (1) (o) li tirrigwarda d-dhul fil-proprjeta' ta' Kenneth Spiteri , dan bil-fors irid jigi rifless f'riduzzjoni fil-piena .

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-appellant limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata w dana billi tirrevokha biss in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni w minnflok tilliberah minn kull htija ta' din l-imputazzjoni , w in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hamsin lira (LM50) multa w minnflok tikkundannah ghall-piena ta' erbghin lira Maltija (LM40) multa, w billi tikkonfermha ghall-kumplament , inkluza l-parti fejn rabtet lill-appellant b'obbligazzjoni tieghu nnifsu

taht penali ta’ Lm100 ghall-periodu ta’ tnax il-xahar milli b’xi mod jimmolesta aktar lill-Kenneth Spiteri .

(ft)Joseph G. Galea Debono .

06.01.03.

John Farrugia
Dep. Registratur